**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 241/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Brenda Borg**
**(ID 127894(M))**

**Illum, 13 ta' Jannar 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Brenda Borg ta' 20 sena, imwielda l-Pieta` fit-2 ta' Marzu 1994 u residenti gewwa 5, Arcadia, Triq Xemxija, Marsa, bint Joseph u Moira nee` Debono u detentrici tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 127894(M);

Akkuzata talli fix-xahar ta' Awwissu 2014 f'Monte Karmeli gewwa Attard, Malta u/jew fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-

Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, hin u cirkostanzi, kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenza mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess dati, hin u cirkostanzi, kellha fil-pussess taghha l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata rregistrat ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatha bil-

konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni fl-ewwel lok, l-ammissjoni bikrija tal-imputata u li kkoperat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta car mill-istqarrija rilaxxjata minnha, kif ukoll il-fedina penali tal-istess imputata li, sa Marzu 2016, kienet tinkludi biss kundanna dwar reat kontravvenzjonali.

Qieset ukoll illi mill-istqarrija tal-imputata, rilaxxjata minnha nhar is-16 ta' Awwissu 2014[1], wara li nghatat is-solita twissija, kif ukoll id-dritt li tottjeni parir legali, liema dritt hija ghazlet li ma tezercitahx, jirrizulta illi "*mhux it-Tnejn li ghadda ta' qabel*" ossia ghalhekk fl-4 ta' Awwissu 2014, hija dahhlet gramma kokaina gewwa l-Isptar Monte Karmeli u ghaddietha lil terza persuna gewwa bott tal-*pringles.* Ghalkemm hija tghid in oltre illi dan ghamlitu wkoll f'zewg okkazzjonijiet ohrajn gewwa l-istess sptar, u cioe` billi ghaddiet il-kokaina u l-eroina f'okkazzjoni minnhom lil terzi persuni u darb'ohra pipa bil-kokaina lil persuna ohra, ma jirrizultax meta dan sehh, mill-istess stqarrija, u b'mod partikolari illi dan sehh fix-xahar ta' Awwissu 2014, ossia fil-parametri taz-zmien indikati fic-citazzjoni odjerna. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tillimita ruhha billi timponi piena biss fir-rigward tar-reat ta' traffikar ta' droga kokaina da parti tal-imputata nhar l-4 ta' Awwissu 2014, kif ammess minnha fl-istess stqarrija. Qieset ukoll illi fl-istqarrija taghha, l-imputata ammettiet illi l-ahhar darba li hija kienet hadet il-kokaina u l-*cannabis grass* kien nhar it-Tnejn ta' qabel u cioe` ghalhekk fil-11 ta' Awwissu 2014.

Qieset ukoll il-*Pre-Sentencing Report* redatt fil-konfront tal-istess imputata[2], mil-liema jirrizulta illi l-imputata bdiet tabbuza mill-*cannabis* meta kellha biss erbatax-il sena, u ftit wara bdiet tabbuza wkoll mill-kokaina u anke droga ohra, inkluz l-eroina. Minhabba l-abbuz tad-droga, hija kemm il-darba ddahhlet gewwa l-Isptar

[1] Esebita a fol. 8 u 8A tal-process.
[2] Eseibit a fol. 28 sa 37 tal-process.

Monte Karmeli ghall-kura u fiz-zmien tal-kumpilazzjoni tal-istess rapport, liema rapport gie esebit fil-11 ta' Marzu 2016, hija kienet tinsab taht il-kura tal-psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino u kienet residenti gewwa l-*Caritas Women's Programme*, San Blas ossia programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Kienet ilha f'dan il-programm mill-20 ta' Jannar 2016 u jidher illi l-imputata integrat tajjeb u kienet motivata, ghalkemm kien ghad fadal xoghol x'isir da parti taghha u ghalhekk, skont l-istess rapport, kien importanti illi hija tkompli f'dan il-programm. Da parti taghha, l-Ufficjal tal-*Probation*, Mary Rose Farrugia, irrakkomandat illi fid-dawl tal-informazzjoni migbura, l-imputata tinghata sentenza ta' prigunerija effettiva fil-minimu taghha u tinghata kull opportunita` li tkompli tiehu l-kura gewwa l-programm residenzjali kontra l-abbuz mid-droga.

Fid-dawl tar-rapport redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* fir-rigward tal-imputata u tar-rakkomandazzjonijiet minnha maghmula, il-Qorti tqis illi la darba l-imputata gharfet li jkun ta' gid ghaliha illi tidhol fi programm residenzjali sabiex issegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u in vista tal-fatt illi jidher li l-imputata kienet motivata sabiex issegwi u tlesti dan il-programm u fid-dawl ukoll tal-kunsiderazzjonijiet maghmula izjed 'il fuq, jidhrilha illi piena ta' prigunerija effettiva, f'dan il-kaz tassattiva, fil-minimu taghha tkun wahda idonea.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 dwar il-multa tassattiva applikabbli fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u l-multa li qeghda timponi fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghall-piena ta' **sitt (6) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' elf u erba' mitt Euro (€1,400)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hajta b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti illi l-hatja tinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex tkompli fir-rijabilitazzjoni taghha mill-vizzju tad-droga u dan skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-professjonisti li fil-prezent qeghdin isegwu lill-hatja.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Stante li ma nhatrux esperti f’dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat